# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/52/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Ġunju 2009**

**li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 ġie miftiehem li l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri għandha tissaħħaħ fil-qlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u b'mod partikolari li għandhom jiġu intensifikati l-miżuri kontra l-impjieg illegali fuq il-livell tal-Istati Membri u tal-UE.

(2) Fattur prinċipali li jattira l-immigrazzjoni illegali lejn l-UE huwa l-possibbiltà li jinstab xogħol fl-UE mingħajr l-istatus legali meħtieġ. Għalhekk, l-azzjonijiet kontra l-immigrazzjoni illegali u r-residenza illegali għandhom jinkludu miżuri kontra dak il-fattur li jattira.

(3) Il-komponent ċentrali ta' dawk il-miżuri għandu jkun projbizzjoni ġenerali fuq l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt għal residenza fl-UE, flimkien ma' sanzjonijiet kontra min iħaddem li jikser dik il-projbizzjoni.

(4) Billi din id-Direttiva tipprevedi standards minimi, l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu sanzjonijiet u miżuri aktar stretti u jimponu obbligi aktar stretti fuq min iħaddem.

(5) Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru irrispettivament mill-fatt jekk għandhomx permess biex jaħdmu fit-territorju tiegħu, ma għandhiex tapplika għal persuni li jgawdu mid-dritt Komunitarju għall-moviment ħieles, kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment tal-persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([4]). Barra minn hekk m'għandhiex tapplika wkoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjoni koperta bil-liġi tal-Komunità, bħal dawk li huma impjegati legalment fi Stat Membru ieħor u li jintbagħtu fi Stat Membru ieħor minn fornitur ta' servizz fil-kuntest ta' forniment ta' servizzi. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment iżda li jaħdmu bi ksur tal-istatus tar-residenza tagħhom.

(6) Għall-finijiet speċifiċi ta' din id-Direttiva, ċertu termini għandhom ikunu definiti u dawn id-definizzjonijiet għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(7) Id-definizzjoni ta' impjieg għandha tinkludi l-elementi kostitwenti tiegħu, jiġifieri l-attivitajiet li huma jew suppost ikunu mħallsa, li jitwettqu taħt id-direzzjoni u/jew is-superviżjoni ta' min iħaddem, irrispettivament mir-relazzjoni legali.

(8) Id-definizzjoni ta' min iħaddem tista' tinkludi assoċċjazzjoni ta' persuni li jkun rikonoxxut li jkollhom il-kapaċità li jwettqu atti legali mingħajr ma jkollhom personalità ġuridika.

([1]) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 70.
([2]) ĠU C 257, 9.10.2008, p. 20.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Frar 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009.
([4]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

(9) Biex jiġi prevenut l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment, min iħaddem għandu jkun meħtieġ li qabel ma jirrekluta ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi reklutat għall-iskop li jintbagħat fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' forniment ta' servizzi, irid jivverifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu permess tar-residenza jew awtorizzazzjoni oħra valida ta' residenza li turi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa residenti legalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' reklutaġġ.

(10) B'mod partikolari biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikxfu dokumenti falsifikati, min iħaddem għandu wkoll ikun meħtieġ li jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bl-impjieg ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jipprevedu li notifiki bħal dawn isiru fil-qafas ta' skemi ta' notifiki oħrajn. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu favur proċedura ssimplifikata minn dawk li jħaddmu li jkunu persuni fiżiċi meta l-impjieg ikun maħsub għall-finijiet personali tagħhom.

(11) Jekk min iħaddem ikun irrispetta l-obbligi stipulati f'din id-Direttiva, huwa ma għandux jinżamm responsabbli talli jkun impjega ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment, speċjalment jekk l-awtorità kompetenti wara tiskopri li d-dokument ippreżentat minn impjegat kien fil-fatt ġie ffalsifikat jew użat ħażin, ħlief jekk min iħaddem kien jaf li d-dokument kien iffalsifikat.

(12) Biex dawk li jħaddmu jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom b'mod iżjed faċli, l-Istati Membri għandhom jużaw l-aqwa sforzi tagħhom biex jittrattaw it-talbiet għal tiġdid tal-permessi ta' residenza fil-ħin.

(13) Biex tiġi infurzata l-projbizzjoni ġenerali u jiġi evitat il-ksur tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprevedu sanzjonijiet xierqa. Dawn għandhom jinkludu sanzjonijiet finanzjarji u kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż tar-ritorn taċ-ċittadini minn pajjizi terzi b'residenza illegali, flimkien mal-possibilità ta' sanzjonijiet finanzjarji mnaqqsa għal dawk li jħaddmu li jkunu persuni fiżiċi fejn l-impjieg ikun maħsub għall-finijiet privati tagħhom.

(14) Fi kwalunkwe każ, min iħaddem għandu jintalab iħallas liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kull remunerazzjoni pendenti għax-xogħol li jkunu għamlu u kull taxxa u kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li jkunu pendenti. Jekk il-livell ta' remunerazzjoni ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, għandu jkun preżunt li mill-inqas dan ikun jammonta għall-paga prevista mil-liġijiet applikabbli għall-pagi minimi, mill-ftehimiet kollettivi jew skont il-prattika stabbilita fl-oqsma okkupazzjonali rilevanti. Min iħaddem għandu wkoll jintalab iħallas, fejn ikun xieraq, kwalunkwe spiża li tirriżulta meta r-remunerazzjoni pendenti tintbagħat lejn il-pajjiż fejn iċ-ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie impjegat illegalment ikun irritorna, jew ikun ġie ripatrijat. F'dawk il-każijiet fejn il-pagamenti b'lura ma jkunux saru minn min iħaddem, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jissodisfaw dan l-obbligu minflok min iħaddem.

(15) Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz impjegat illegalment ma għandux jakkwista dritt għad-dħul, residenza u aċċess għas-suq tax-xogħol permezz tar-relazzjoni ta' impjieg illegali jew permezz tal-ħlas jew tal-ħlas lura ta' remunerazzjonijiet, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew taxxi minn min iħaddem jew minn entità legali li jkollha tħallas minflok min iħaddem.

(16) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talbiet ikunu jew ikunu jistgħu jiġu ppreżentati u li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jiggarantixxu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ikunu jistgħu jirċievu l-ammonti rkuprati tar-remunerazzjoni pendenti dovuti lilhom. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li jinvolvu l-missjonijiet jew ir-rappreżentanzi tagħhom f'pajjiżi terzi f'dawk il-mekkaniżmi. L-Istati Membri għandhom, fil-kuntest tat-twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi li jħaffu l-ilmenti u jekk mhux diġà previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iqisu l-possibilità u l-valur miżjud li l-awtorita kompetenti tingħata l-kapaċità li tiftaħ proċeduri kontra min iħaddem għall-finijiet li tkun irkuprata r-remunerazzjoni pendenti.

(17) L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal suppożizzjoni ta' relazzjoni tax-xogħol ta' mill-inqas tliet xhur biex il-piż tal-prova jintefa' fuq min iħaddem għall-inqas għal ċertu perjodu. Fost oħrajn, l-impjegat, għandu jkollu wkoll l-opportunità li jipprova l-eżistenza u d-dewmien tar-relazzjoni ta' impjieg.

(18) L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà ta' aktar sanzjonijiet kontra min iħaddem, inter alia it-tneħħija tad-dritt għal uħud mill-benefiċċji, għajnuniet u sussidji, jew kollha kemm huma, inklużi s-sussidji agrikoli; esklużjonijiet minn proċeduri tal-akkwisti pubbliċi u l-irkupru ta' wħud mill-benefiċċji, għajnuniet u sussidji, jew kollha kemm huma, inkluż il-finanzjament tal-UE amministrat mill-Istati Membri, li jkunu diġà rċevew l-għajnuna. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx sanzjonijiet kontra min iħaddem li jkunu persuni fiżiċi meta l-impjieg ikun maħsub għall-finijiet personali tagħhom.

(19) Din id-Direttiva, u partikolarment l-Artikoli 7, 10 u 12 tagħha, għandha tkun bla ħsara għar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

(20) Fid-dawl tal-prevalenza ta' subkuntrattazzjoni f'ċerti setturi milquta, jeħtieġ ikun żgurat li tal-inqas il-kuntrattur, li min iħaddem ikun subkuntrattur dirett tiegħu, jista' jinżamm responsabbli biex iħallas is-sanzjonijiet finanzjarji addizzjonalment għal min jimpjega jew minfloku. F'każi speċifiċi, kuntratturi oħra jistgħu jinżammu responsabbli li jħallsu sanzjonijiet finanzjarji

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

addizzjonalment għal min jimpjega jew minfloku talli jkunu ħaddmu ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali. Ħlasijiet lura li jkollhom ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet ta' responsabilità ta' din id-Direttiva għandhom jinkludu wkoll kontribuzzjonijiet għal fondi nazzjonali għall-ħlas tal-vaganzi u għal fondi soċjali rregolati bil-liġi jew bil-ftehimiet kollettivi.

(21) L-esperjenza turi li s-sistemi eżistenti tas-sanzjonijiet ma kinux biżżejjed biex tintlaħaq konformità sħiħa mal-projbizzjonijiet kontra l-impjieg ta' ċittadini terzi b'residenza illegali. Waħda mir-raġunijiet hija li s-sanzjonijiet amministrattivi waħedhom mhumiex biżżejjed biex iwaqqfu ċerti persuni li jħaddmu bla skruplu. Il-konformità tista' u għandha tissaħħaħ bl-applikazzjoni ta' pieni kriminali.

(22) Biex tkun garantita l-effettività sħiħa tal-projbizzjoni ġenerali, hemm għalhekk bżonn partikolari għal sanzjonijiet iktar dissważivi f'każijiet serji, bħal vjolazzjonijiet ripetuti persistentament, it-tħaddim ta' numru sinifikanti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, it-tħaddim illegali ta' persuni minorenni, kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, meta min iħaddem ikun jaf li ħaddiem huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin u t-tħaddim illegali ta' minorenni. Din id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jipprevedu pieni kriminali fir-rigward ta' dak il-ksur serju. Din id-Direttiva ma toħloq l-ebda obbligu fir-rigward tal-applikazzjoni ta' pieni bħal dawn, jew kwalunkwe sistema disponibbli oħra tal-infurzar tal-liġi, f'każijiet individwali.

(23) Fil-każijiet kollha meqjusa bħala serji skont din id-Direttiva l-ksur għandu jiġi kkunsidrat bħala reat kriminali madwar il-Komunità kollha meta dan jitwettaq intenzjonalment. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward ir-reat kriminali għandu jkun bla ħsara għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ([1]).

(24) Ir-reat kriminali għandu jkun kastigabbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-obbligu li jiġu żgurati pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi skont din id-Direttiva huwa bla preġudizzju għall-organizzazzjoni interna tal-liġi kriminali u tal-ġustizzja kriminali fl-Istati Membri.

(25) Persuni ġuridiċi jistgħu ukoll jinżammu responsabbli għall-offiżi kriminali msemmija f'din id-Direttiva, minħabba li ħafna minn dawk li jħaddmu huma persuni ġuridiċi. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jinvolvux obbligu għall-Istati Membri li tiddaħħal ir-responsabilità kriminali ta' persuni ġuridiċi fl-Istati Membri.

(26) Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' din id-Direttiva, għandu jkun hemm mekkaniżmi effettivi ta' lmentar li permezz tagħhom iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi rilevanti jkunu jistgħu jippreżentaw l-ilmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi magħżula bħal trejdjunjins jew assoċjazzjonijiet oħrajn. Dawn il-partijiet terzi magħżula għandhom ikunu protetti, meta jipprovdu għajnuna għall-preżentazzjoni tal-ilmenti, kontra sanzjonijiet taħt regoli li jipprojbixxu l-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata.

(27) Bħala suppliment għall-mekkaniżmi tal-ilmenti, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħtu permessi ta' residenza ta' żmien limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew soġġetti għal kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi jew li kienu minorenni impjegati illegalment u li jikkooperaw fil-proċedimenti kriminali kontra min iħaddimhom. Tali permessi għandhom jingħataw skont arranġamenti kumparabbli ma' dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permessi ta' residenza mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ([2]).

(28) Biex jiżguraw livell sodisfaċenti tal-infurzar ta' din id-Direttiva u biex inaqqsu, kemm jista' jkun, id-differenzi fil-livell tal-infurzar fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorju tagħhom isiru spezzjonijiet effettivi u xierqa u għandhom jikkomunikaw id-data dwar l-ispjezzjonijiet li jagħmlu lill-Kummissjoni.

(29) L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jiddeterminaw ta' kull sena mira nazzjonali għan-numru ta' spezzjonijiet fir-rigward tas-setturi ta' attività li fihom ikun hemm konċentrament ta' tħaddim ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu joqogħdu fil-pajjiż illegalment fit-territorju tagħhom.

(30) Bil-għan li tikber l-effettività tal-ispezzjonijiet għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti setgħat adegwati lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-ispezzjonijiet; li tinġabar u tiġi pproċessata informazzjoni dwar l-impjiegi illegali, inklużi r-riżultati ta' spezzjonijiet preċedenti, għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva; u li jkun disponibbli biżżejjed persunal bil-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa biex jagħmlu l-ispezzjonijiet b'mod effettiv.

(31) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet li jsiru għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma jaffettwawx, mill-perspettiva kwantitattiva jew kwalitattiva, spezzjonijiet magħmula biex jevalwaw il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol.

([1]) ĠU L 203, 1.8.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.

(32) Fil-każ ta' ħaddiema impjegati li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-awtoritajiet tal-ispezzjonijiet tal-Istati Membri jistgħu jinqdew bil-koperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni previsti fid-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 rigward l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi ([1]), sabiex issir verifika li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi inkwistjoni jkunu impjegati b'mod legali fl-Istati Membri tal-oriġini.

(33) Din id-Direttiva għandha titqies bħala kumplimentari għall-miżuri kontra x-xogħol mhux dikjarat u l-isfruttar.

(34) B'konformità mal-punt 34 tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar leġiżlar aħjar ([2]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, kemm għalihom u kemm fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi.

(35) Kwalunkwe pproċessar tad-data personali li jsir fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data ([3]).

(36) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, partikolarment li tikkumbatti l-immigrazzjoni illegali billi taġixxi kontra l-fattur li jattira fil-qasam tal-impjieg, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

(37) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod speċifiku, għandha tiġi applikata b'rispett xieraq lejn il-libertà għat-tmexxija ta' impriża, l-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali quddiem il-qorti u l-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni, skont l-Artikoli 16, 20, 21, 47 u 49 tal-Karta.

(38) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(39) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tipprojbixxi t-tħaddim ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fil-pajjiż illegalment sabiex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali. Għal dan il-għan, din tiffissa standards minimi komuni għal sanzjonijiet u miżuri li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri kontra min iħaddem li jikser dik il-projbizzjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet speċifiċi ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kull persuna li mhix ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 17(1) tat-Trattat u li mhix persuna li tgawdi d-dritt Komunitarju tal-moviment liberu, kif definit fl-Artikolu 2(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;

(b) "ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju ta' Stat Membru li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

(c) "impjieg" tfisser l-eżerċizzju ta' attivitajiet li jkopru kull forma ta' xogħol jew impjieg irregolat mil-liġi nazzjonali jew skont prattika stabbilita għal jew taħt id-direzzjoni u/jew is-superviżjoni ta' min iħaddem;

(d) "impjieg illegali" tfisser impjieg ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment;

([1]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
([2]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(e) "min iħaddem" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe entità legali, inklużi aġenziji ta' xogħol temporanju, għal jew taħt id-direzzjoni u/jew is-superviżjoni;

(f) "subkuntrattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe entità legali, li tiġi fdata l-eżekuzzjoni ta' parti mill-obbligi jew l-obbligi kollha ta' kuntratt minn qabel;

(g) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha dan l-istatus skont il-liġi nazzjonali applikabbli, ħlief għall-Istati jew il-korpi pubbliċi li jeżerċitaw awtorità tal-Istat u l-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali;

(h) "aġenzija ta' xogħol temporanju" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, b'konformità mal-liġi nazzjonali, tikkonkludi kuntratti ta' xogħol jew relazzjonijiet ta' xogħol ma' ħaddiema temporanji ta' aġenziji sabiex tassenjahom lil impriżi tal-utent sabiex jaħdmu hemm b'mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom;

(i) "kundizzjonijiet ta' xogħol partikolarment abużivi" tfisser kundizzjonijiet ta' xogħol, inklużi dawk li jirriżultaw minn diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru jew minn diskriminazzjoni oħra, fejn ikun hemm sproporzjoni impressjonanti meta mqabbla mat-termini tal-impjieg ta' ħaddiema impjegati b'mod legali, li, pereżempju, ikun qiegħed jaffettwa lis-saħħa u lis-sikurezza tal-ħaddiema, u jmur kontra d-dinjità tal-bniedem;

(j) "rimunerazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment" tfisser il-paga jew is-salarju u kull kunsiderazzjoni oħra, kemm jekk fi flus u kemm jekk le, li l-ħaddiem jirċievi b'mod dirett jew indirett b'rabta mal-impjieg tiegħu mill-impjegatur tiegħu, u li tkun ekwivalenti għal dak li kieku kienu jgawdu ħaddiema kumparabbli f'relazzjoni ta' impjieg legali;

*Artikolu 3*

**Projbizzjoni tal-impjieg illegali**

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-impjieg ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.

2. Il-ksur ta' din il-projbizzjoni għandhom ikunu suġġeti għal sanzjonijiet u miżuri stipulati f'din id-Direttiva.

3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment li t-tneħħija tagħhom tkun ġiet posposta u li jkollhom permess jaħdmu konformement mal-liġijiet nazzjonali.

*Artikolu 4*

**Obbligi fuq min iħaddem**

1. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lil min iħaddem biex:

(a) jitlob li ċittadin ta' pajjiż terz qabel ma jibda l-impjieg tiegħu jkollu u jippreżenta lil min iħaddmu l-permess validu ta' residenza tiegħu/tagħha jew awtorizzazzjoni oħra għar-residenza;

(b) iżomm għal mill-inqas it-tul tal-impjieg kopja jew rekord tal-permess tar-residenza jew awtorizzazzjoni oħra ta' residenza disponibbli għall-ispezzjoni possibbli mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(c) jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti magħżula mill-Istati Membri l-bidu tal-impjieg ta' ċittadin minn pajjiżi terz fi żmien perjodu stipulat minn kull Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċedura mħaffa għan-notifika skont il-paragrafu 1(c) fejn min iħaddem ikun persuna fiżika u l-impjieg ikun għall-finijiet personali tiegħu jew tagħha.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li n-notifika skont il-paragrafu 1(c) ma tkunx meħtieġa meta l-ħaddiem ikun ingħatalu status ta' residenza fit-tul b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun residenti fit-tul ([1]).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jħaddmu u li jkunu ssodisfaw l-obbligi tagħhom stipulati fil-paragrafu 1 ma jinżammux responsabbli għal ksur tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 sakemm dawk li jħaddmu ma kinux jafu li d-dokument ippreżentat bħala permess validu ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra ta' residenza kien iffalsifikat.

*Artikolu 5*

**Sanzjonijiet finanzjarji**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 ikun soġġett għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra min iħaddem.

2. Sanzjonijiet fir-rigward ta' ksur tal-projbizzjoni memmija fl-Artikolu 3 għandhom jinkludu:

(a) sanzjonijiet finanzjarji li għandhom jogħlew skont l-għadd ta' ċittadini minn pajjiżi terzi imħaddmin illegalment; u

(b) ħlasijiet tal-ispejjeż tar-ritorn ta' ċittadini mħaddmin illegalment f'dawk il-każijiet fejn il-proċeduri tar-ritorn ikunu mwettqa. L-Istati Membri jistgħu, minflok, jiddeċiedu li jirriflettu l-ispejjeż medji tar-ritorn fis-sanzjonijiet finanzjarji taħt punt (a).

([1]) OJ L 16, 23.1.2004, p. 44.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet finanzjarji mnaqqsa fejn min iħaddem ikun persuna fiżika li jħaddem ċittadin minn pajjiż terz b'residenza illegali għall-finijiet privati tiegħu jew tagħha u fejn ma jkun hemm l-ebda kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi.

*Artikolu 6*

**Ħlasijiet b'lura lill-impjegati**

1. Fir-rigward ta' kull ksur tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li min iħaddem ikun responsabbli li jħallas:

(a) kwalunkwe remunerazzjoni pendenti liċ-ċittadin tal-pajjiż terz imħaddem illegalment. Il-livell maqbul ta' remunerazzjoni għandu jkun preżunt li kien għoli daqs il-paga prevista mil-liġijiet applikabbli dwar pagi minimi, permezz ta' ftehim kollettiv jew skont il-prattika stabbilita fl-oqsma tax-xogħol rilevanti ħlief jekk min iħaddem jew l-impjegat ikun jista' jagħti prova mod ieħor, waqt li jiġu rrispettati, fejn meħtieġ, id-dispożizzjonijiet obbligatorji nazzjonali dwar il-pagi;

(b) ammont ugwali għal kwalunkwe taxxi u kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li min iħaddem kien se jħallas kieku ċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien impjegat b'mod legali, inklużi ħlasijiet ta' penali għal dewmien u multi amministrattivi rilevanti;

(c) meta xieraq, kull spiża li tirriżulta mill-fatt li jkollu jintbagħat il-ħlas b'lura lejn il-pajjiż fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irritorna jew ġie ripatrijat.

2. Sabiex tkun żgurata d-disponibilità ta' proċeduri effettivi biex jiġu implementati l-paragrafi 1(a) u 1(c), u sabiex jitqies l-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom jadottaw mekkaniżmi biex jiżguraw li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi mħaddma illegalment:

(a) jistgħu jippreżentaw talba, soġġett għal perijodu limitat ddefinit bil-liġijiet nazzjonali u jistgħu jinfurzaw sentenza kontra min iħaddem għal kull remunerazzjoni pendenti inkluż f'każijiet fejn ikunu rritornaw jew ġew imġiegħla jirritornaw;

(b) meta jkun previst b'leġiżlazzjoni nazzjonali, jista' jappella lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru sabiex jibda proċeduri biex jirkupra r-remunerazzjoni pendenti mingħajr ma jkun hemm bżonn li l-persuna tintroduċi talba f'dan il-każ.

Ċittadini minn pajjiżi terzi mħaddma illegalment għandhom jiġu infurmati b'mod sistematiku u oġġettiv dwar id-drittijiet tagħhom skont dan il-paragrafu u skont l-Artikolu 13, qabel l-infurzar ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn.

3. Sabiex jiġu applikati l-paragrafi 1(a) u (b), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li tiġi preżunta relazzjoni ta' impjieg ta' mill-inqas 3 xhur ħlief, jekk l-impjegat jew min iħaddem, fost l-oħrajn, ikun jista' jipprovdi xhieda mod ieħor.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi neċessarji huma implimentati biex jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mħaddma illegalment ikunu jistgħu jirċievu kull ħlas b'lura ta' remunerazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a) li tkun irkuprata bħala parti mit-talbiet imsemmija fil-paragrafu 2, inkluż f'każijiet fejn ikunu rritornaw jew ġew imġiegħla jirritornaw.

5. Fir-rigward ta' każijiet meta l-permessi ta' residenza għal tul limitat ikunu ngħataw skont l-Artikolu 13(4), l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kundizzjonijiet, skont il-liġi nazzjonali, li skont liema leġiżlazzjoni t-tul ta' dawn il-permessi jista' jittawwal sakemm ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun irċieva kull ħlas b'lura tar-rinumerazzjoni rkuprata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 7*

**Miżuri oħra**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li min iħaddem għandu, jekk ikun xieraq, ikun suġġett għal dawn il-miżuri:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji, l-għajnuna jew is-sussidji pubbliċi kollha, jew uħud minnhom, inkluż l-iffinanzjar tal-UE mmaniġġjat mill-Istati Membri għal mhux iktar minn ħames snin;

(b) l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni f'kuntratt pubbliku kif definit mid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħol, kuntratti pubbliċi ta' forniment u kuntratti pubbliċi ta' servizz ([1]) sa ħames snin;

(c) irkupru tal-benefiċċji, l-għajnuna u s-sussidji pubbliċi kollha, jew uħud minnhom, inkluż il-finanzjament mill-UE amministrat mill-Istati Membri, mogħtija lil min iħaddem għal mhux iktar minn 12-il xahar qabel il-kxif tal-impjieg illegali;

(d) għeluq temporanju jew permanenti tal-istabbilimenti li ntużaw biex jitwettaq il-ksur, jew irtirar temporanju jew permanenti ta' liċenzja biex titmexxa l-attività kummerċjali kkonċernata, jekk dan ikun ġustifikat mill-gravità tal-ksur.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu (1) meta min iħaddem ikun persuna fiżika u l-impjieg ikun għall-finijiet privati tiegħu.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

*Artikolu 8*

**Subkuntrattazzjoni**

1. Meta min iħaddem ikun subkuntrattur u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali dwar id-drittijiet ta' kontribuzzjoni jew rikors jew għad-dispożizzjonijet tal-liġi nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur li min iħaddem ikun subkuntrattur dirett tiegħu jista' jinżamm responsabbli biex iwettaq il-ħlasijiet, addizjonalment għal jew minflok min qed iħaddem:

(a) kwalunkwe sanzjoni finanzjarja imposta bis-saħħa tal-Artikolu 5, u

(b) kwalunkwe ħlas b'lura dovut bis-saħħa tal-Artikolu 6(1)(a) u (c) u l-Artikolu 6(2) u (3).

2. Meta min iħaddem ikun subkuntrattur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur ewlieni u kull subkuntrattur intermedjarju, meta dawn ikunu jafu li s-subkuntrattur li jimpjega kien qed jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment, dawn jistgħu jinżammu responsabbli biex jagħmlu l-ħlasijiet identifikati fil-paragrafu 1 addizzjonalment għal jew minflok min iħaddem, jew minflok is-subkuntrattur li jimpjega jew il-kuntrattur li min iħaddem huwa subkuntrattur dirett tiegħu.

3. Kuntrattur li jkun osserva bl-attenzjoni dovuta l-obbligi kif definiti bil-liġi nazzjonali ma għandux jinżamm responsabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1 jew 2.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu regoli għal responsabilità aktar stretta skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 9*

**Reat kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur tal-projbizzjoni imsemmija fl-Artikolu 3 ikun jikkostitwixxi reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment, f'kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin kif definit mil-liġi nazzjonali:

(a) il-ksur ikompli jew ikun ripetut b'mod persistenti;

(b) il-ksur ikun fir-rigward tal-impjieg simultanju ta' numru sostanzjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment;

(c) il-ksur ikun akkumpanjat minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abbużivi;

(d) il-ksur jitwettaq minn min iħaddem li, filwaqt li ma jiġix akkużat b'reat, jew imressaq il-qorti għal reat stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/629/JHA, jużа xogħol jew servizzi minn persuna ċittadina ta' pajjiż terz b'residenza illegali bl-għarfien li din hu jew hi tkun il-vittma ta' dan it-tip ta' traffikar;

(e) il-ksur huwa relatat mal-impjieg illegali ta' minorenni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-assistenza għall-imġiba intenzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ikunu kastigabbli bħala reat kriminali.

*Artikolu 10*

**Pieni kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jwettqu r-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 9 jingħataw pieni kriminali effettivi, proporzjonati u disswasivi.

2. Sakemm dan ma jkunx ipprojbit mill-prinċipji ġenerali tal-liġi, il-pieni kriminali stipulati f'dan l-Artikolu jistgħu skont il-liġi nazzjonali jkunu applikati mingħajr ħsara għal sanzjonijiet jew miżuri oħra ta' natura mhux kriminali, u jistgħu jkunu akkumpanjati mill-pubblikazzjoni tas-sentenza relatata mal-każ.

*Artikolu 11*

**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 9 fejn tali reat ikun sar għal benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li għandha pożizzjoni importanti fi ħdan il-persuna ġuridika, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn entità jew persuna ġuridika, fuq bażi ta':

(a) prokura tal-persuna ġuridika,

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq tar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 9 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika taħt il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu l-awturi, l-instigaturi jew l-aċċessorji fir-reat imsemmi fl-Artikolu 9.

*Artikolu 12*

**Pieni għall-persuni ġuridiċi**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuna ġuridika responsabbli skont l-Artikolu 11 tkun kastigata permezz ta' pieni disważivi, proporzjonati u effettivi, li jistgħu jinkludu miżuri bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 7.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tkun pubblikata lista ta' min iħaddem li huma persuni legali u li kienu responsabbli għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 9.

*Article 13*

**Faċilitar ta' ilmenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati illegalment ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra min iħaddimhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi nominati mill-Istati Membri bħat-trejdunjins jew assoċjazzjonijiet oħra jew awtorità kompetenti tal-Istat Membru meta dan ikun previst b'leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li partijiet terzi li għandhom, skont il-kriterji stipulati fil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità ma' din id-Direttiva, jistgħu, jew f'isem ċittadin ta' pajjiż terz impjegat illegalment jew b'appoġġ għalih, jintervjenu f'kull proċedura ġudizzjarja, amministrattiva u/jew kriminali stipulata bl-objettiv tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-għoti ta' għajnuna lil ċittadini ta' pajjiż terz biex jippreżentaw ilmenti ma għandux jitqies bħala faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata skont id-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE tat-28 ta' Novembru 2002 li tiddefinixxi l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati ([1])

4. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 9(1)(c) jew (e), l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu skont il-liġi nazzjonali l-kundizzjonijiet taħt liema huma jistgħu jagħtu permessi, każ b'każ, ta' żmien limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti nazzjonali rilevanti, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi involuti, skont arranġamenti kumparabbli ma' dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/81/KE.

([1]) ĠU L 328, 5.12.2002, p. 17.

*Artikolu 14*

**Spezzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorju tagħhom biex jiġi kkontrollat l-impjegar illegali taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom ikunu bbażati l-aktar fuq valutazzjoni tar-riskju li titfassal mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

2. Bil-ħsieb li tiżdied l-effettività tal-ispezzjonijiet, l-Istati Membri għandhom fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, jidentifikaw regolarment is-setturi tal-attività fejn huwa kkonċentrat l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment fit-territorju tagħhom.

Fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn is-setturi, l-Istati Membri għandhom kull sena qabel l-1 ta' Lulju jikkomunikaw l-ispezzjonijiet lill-Kummissjoni, kemm f'numri assoluti kif ukoll f'persentaġġi tal-ħaddiema għal kull settur li jkunu saru fis-sena ta' qabel kif ukoll ir-riżultati tagħhom.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika din id-Direttiva fir-rigward tal-Artikoli 6 u 13, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet huma kompatibbli ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 16*

**Rappurtar**

1. Sal-20 ta' Lulju 2014, u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi, fejn ikun meħtieġ, proposti ta' emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 7, 8, 13 u 14. B'mod partikolari, fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha teżamina l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Artikolu 6(2) u (5).

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li tkun adatta għat-tfassil tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1. L-informazzjoni għandha tinkludi n-numru u r-riżultati tal-ispezzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 14(1), il-miżuri applikati taħt l-Artikolu 13 u, safejn ikun possibbli, il-miżuri applikati skont l-Artikoli 6 u 7.

*Artikolu 17*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentarji u amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-20 ta' Lulju 2011 l-iktar tard. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, dawk il-miżuri għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodi li bihom għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Š. FÜLE